*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,095, 7 ta' Marzu, 1989*
*Taqsima C*

**Nru. 72**

7. 3. 89

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Guido de Marco, M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-6 ta' Marzu, 1989.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Guido de Marco, M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Internal Affairs and Justice and read the First time at the Sitting of the 6th March, 1989.

**AN ACT further to amend the National Day and other Public Holidays Act, 1975.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att Nru. XXX ta' l-1975.

**2.** Minflok l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

"Jum l-Indipendenza ikun il-Jum Nazzjonali ta' Malta.

2. Il-wieħed u għoxrin jum ta' Settembru ta' kull sena jkun magħruf bħala Jum l-Indipendenza u jkun il-Jum Nazzjonali ta' Malta.".

**3.** L-artikoli 3, 4 u 5 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 5, 6 u 7 rispettivament. Enumerazzjoni mill-ġdid ta' artikoli ta' l-Att prinċipali.

**4.** Minnufih wara l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin: Żieda ta' artikoli ġodda ma' l-Att prinċipali.

"Festi Nazzjonali.

3. Il-wieħed u tletin ta' Marzu, it-tmienja ta' Settembru u t-tlettax ta' Diċembru ta' kull sena jkunu magħrufin bħala Festi Nazzjonali.

Ċelebrazzjoni ta' Jum l-Indipendenza u ta' Festi Nazzjonali.

4. (1) Jum l-Indipendenza u l-Festi Nazzjonali ikunu btajjel pubbliċi u f'dawk l-okkażjonijiet għandha tittajjar il-Bandiera Nazzjonali ta' Malta fuq il-bini pubbliku kollu.

(2) Il-Prim Ministru jista' jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa għaċ-ċelebrazzjoni b'mod xieraq ta' Jum l-Indipendenza u tal-Festi Nazzjonali.".

Sostituzzjoni ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali

**5.** Minflok l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"SKEDA

Artikolu 5(1)

**Lista ta' Btajjel Pubbliċi**
**(b'żieda ma' Jum l-Indipendenza, il-Festi Nazzjonali u l-Ħdud)**

| | |
|---|---|
| l-1 ta' Jannar | L-Ewwel tas-Sena |
| l-10 ta' Frar | Il-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl |
| id-19 ta' Marzu | Il-Festa ta' San Ġużepp |
| — | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| l-1 ta' Mejju | Jum il-Ħaddiem |
| id-29 ta' Ġunju | Il-Festa ta' San Pietru u San Pawl |
| il-15 ta' Awissu | Il-Festa ta' Santa Marija |
| it-8 ta' Diċembru | Il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni |
| il-25 ta' Diċembru | Il-Milied.". |

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jistabilixxi Jum l-Indipendenza bħala l-Jum Nazzjonali ta' Malta u tlett ijiem oħrajn bħala Festi Nazzjonali.

## A BILL
### entitled

*AN ACT further to amend the National Day and other Public Holidays Act, 1975.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the National Day and other Public Holidays (Amendment) Act, 1989 and shall be read and construed as one with the National Day and other Public Holidays Act, 1975, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Act No. XXX of 1975.

**2.** For section 2 of the principal Act there shall be substituted the following: Substitution of section 2 of the principal Act.

"Jum l-Indipendenza to be National Day of Malta. 2. The twenty-first day of September of each year shall be known as Jum l-Indipendenza and shall be the National Day of Malta.".

**3.** Section 3, 4 and 5 of the principal Act shall be renumbered sections 5, 6 and 7 respectively. Renumbering of sections of the principal Act.

**4.** Immediately after section 2 of the principal Act there shall be inserted the following new sections: Addition of new sections to the principal Act.

"National Holidays. 3. The thirty-first day of March, the eighth day of September and the thirteenth day of December of each year shall be known as National Holidays.

Celebration of Jum l-Indipendenza and of National Holidays. 4. (1) Jum l-Indipendenza and the National Holidays shall be public holidays and on those occasions there shall be flown on all public buildings the National Flag of Malta.

(2) The Prime Minister shall give such directions as he may deem appropriate for the due celebration of Jum l-Indipendenza and of the National Holidays.".

Substitution of the Schedule to the principal Act.

**5.** For the Schedule to the principal Act there shall be substituted the following:

"SCHEDULE

Section 5(1)

**List of Public Holidays**
**(in addition to Jum l-Indipendenza, National Holidays and Sundays**

| | |
|---|---|
| 1st January | New Year's day |
| 10th February | Feast of St. Paul's Shipwreck |
| 19th March | Feast of St. Joseph |
| — | Good Friday |
| 1st May | Workers' Day |
| 29th June | Feast of St. Peter and St. Paul |
| 15th August | Feast of the Assumption |
| 8th December | Feast of the Immaculate Conception |
| 25th December | Christmas Day.". |

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to establish Jum l-Indipendenza as the National Day of Malta and three other days as National Holidays.